16 ta' Diċembru, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

**Il-Maestà tar-Reġina *versus* Manwel Zammit et.**

**Piena — Kompetenza — Art. 502 (2) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid li, meta tqum kwistjoni fuq l-applikazzjoni tal-piena mitluba mill-Attorney General quddiem il-Qorti Kriminali komposta minn Imħallef wieħed, dik il-kwistjoni għandha tiġi deferita lill-istess Qorti komposta minn tliet Imħallfin, mhix applikabili meta l-kwistjoni tkun tirraġġira ruħha, mhux fuq l-applikabilità tal-piena nvokata mill-Attorney General, imma jkunu kwistjonijiet rigwardanti l-ispeċi ta' wieħed jew aktar reati.*

*F'din l-aħħar ipotesi tibqa' kompetenti biex tiddeċidi dawk il-kwistjonijiet il-Qorti kif tkun komposta minn Imħallef wieħed.*

Il-Qorti—Fuq in-nota ta' l-akkużati fuq imsemmija, wara d-dikjarazzjoni tal-ħtija mogħtija mill-ġurija, fis-sens li ma għandux ikun applikat l-axxens tal-piena tal-kwalifika tal-persuna, u anki kontemporanjament dak previst fl-art. 139 tal-Kodiċi Kriminali;

Wara li semgħet id-difensuri ta' l-imputati, li talbu li jkun applikat l-art. 502(2) tal-Kodiċi Kriminali, u lill-Avukat tal-Kuruna li oppona għal dik l-applikazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi l-art. 502, skond il-kostanti ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati, ġie interpretat li huwa operativ f'żewġ ipotesijiet, u ċjoè (1) jew meta jqum dubbju fuq l-applikabilità tal-piena mid-dikjarazzjoni ta' l-istess ġurija (Qorti Kriminali, 28. X. 1865, "Regina vs. Giuseppe Scicluna"), jew (2) meta jqum dubbju fuq l-applikabilità tal-piena li tkun ġiet mitluba mill-Avukat tal-Kuruna fl-att ta' l-akkuża (Qorti Kriminali, 16. IX. 1879, u Qorti Kriminali komposta minn tliet Imħallfin. 25. IX. 1879. "Regina vs. Domenico Attard");

Illi, meta l-kwistjoni ma tkunx tirraġġira ruħha fuq l-applikabilità tal-piena avokata mill-Avukat tal-Kuruna, imma fuq kwistjonijiet rigwardanti l-ispeċi ta' wieħed jew aktar reati, il-kwistjoni hija ta' attribuzzjoni ta' dina l-Qorti komposta minn Imħallef wieħed (Qorti Kriminali, 11. VI. 1912, "Rex vs. Giuseppe Grech"); u jekk dana huwa l-każ fil-każ ta' diversi speċi ta' reati, fis-sens jekk l-istess humiex wieħed jew aktar, kif fuq deċiż, "multo magis" dan għandu jingħad għall-kwistjonijiet li semmew id-difensuri f'dana l-proċediment, u li jirrigwardaw, se maj, l-assorbiment tal-piena; u dana oltre l-fatt li ma jirrikorrux fil-każ odjern iż-żewġ każi fejn l-art. 502, skond il-ġurisprudenza, ikun applikat;

Għal dawna l-motivi tiċħad it-talba għar-remissjoni ta' dina l-kwistjoni quddiem dina l-Qorti komposta minn tliet Imħallfin.

---

**Tmiem ta' l-Ewwel Sezzjoni**
**tar-Raba' Parti**
**tal-Volum XXXVI.**

---